# GĦAJNUNA SKRITTURALI GĦAL DAWK LI JINSABU FL-INKWIET

Minn
George Ebejer

# GĦAJNUNA SKRITTURALI GĦAL DAWK LI JINSABU FL-INKWIET

*"Ħafna huma l-afflizzjonijiet tal-ġust; imma l-Mulej jeħilsu minnhom kollha"* (Salm 34:19).

## TABELLA TAL-KONTENUT


***Għajnuna Skritturali Meta…***

Irrabjat/a ........................................... 2
Anzjuż/a ........................................... 3
Ikkritikat/a ........................................... 5
Iddiżappuntat/a ........................................... 6
Skoraġġut/a ........................................... 7
Frustrat/a ........................................... 8
Iffastidjat/a ........................................... 9
Imnikket/ta ........................................... 10
Ittantat/a ........................................... 11
Imdejjaq/qa ........................................... 12
Int Trid Li tkun Salv/a ........................................... 13


## *Kif Dan Jista' Jkun Ta' Għajnuna Għalik*

L-iskop ta' din il-preżentazzjoni huwa biex igħinek meta int tkun teħtieġ l-għajnuna l-aktar. Il-persuna għaqlija, tantiċipa li nkwiet jiġi, takkumula s-saħħa minn qabel. Aħna lkoll għandna niksbu għajnuna ta' malajr fil-ħin li tiġi d-diffikultà. Din il-kitba tipprovdi għal kull metodu.

Taħt kull titlu ta' nkwiet hemm imniżżla passaġġi ta' skrittura. Kif inti tħalli l-versi biex jinżlu fil-fond ta' moħħok, l-iskritturi jgħinuk bis-sitwazzjoni ta' nkwiet tiegħek.

## Għajnuna Skritturali Meta
## IRRABJAT/A

*"Għalhekk, ħuti maħbubin, ħa jkun kull bniedem ħafif biex jisma', tqil biex jitkellem, u tqil biex jinkorla. Għax bniedem inkurlat ma jagħmilx il-ġustizzja ta' Alla" (Ġakbu 1:19-20).*

*"...Tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom" (Efesin 4:26).*

*"La tinkorlax, u la tirrabjax: tinkedd xejn; dan jiswielek biss deni" (Salm 37:8).*

*"Min ma jagħdabx malajr, aħjar minn gwerrier qalbieni, u min jaħkem lilu nnifsu aħjar minn min jirbaħ belt" (Proverbji 16:32).*

*"Il-għaqal fil-bniedem ibegħidlu għadbu; u hi glorja għalih li jinsa offiża" (Proverbji 19:11).*

*"Titħabbibx ma' min jitmasħan; u la timxix ma' min jagħdab" (Proverbji 22:24).*

*"Il-qilla krudila, u l-korla dilluvju;..." (Proverbji 27:4).*

*"La tgħaġġilx fl-ispirtu tiegħek biex tagħdab: għax il-għadab ibejjet fi ħdan il-boloh" (Ekkleżjażti 7:9).*

*"Iżda jien ngħidilkom: Li kull min jinkorla għal ħuh ikun ħaqqu l-kundanna..." (Mattew 5:22).*

*"Imma issa wkoll neħħejtu dawn kollha: it-tmasħin, korla, il-ħażen, il-ħalf, u kliem mhux xieraq minn fommkom" (Kolossin 3:8).*

## Għajnuna Skritturali Meta
## ANZJUŻ/A

*"Għalhekk ngħidilkom: La toqgħodux titħassbu għal ħajjitkom, x'sejrin tieklu, jew x'sejrin tixorbu; lanqas għal ġisimkom, x'sejrin tilbsu. Il-ħajja mhix aktar mill-ikel, u l-ġisem aktar mill-ilbies? Ħarsu lejn it-tjur ta' l-ajru, huma la jiżirgħu, la ja jaħżnu fl-imħażen; madankollu Missierkom tas-smewwiet jitmagħhom. Ma tiswewx aktar minnhom? U min minnkom billi jit-ħasseb, jista' jżid ma' tulu kubitu wieħed? U għalfejn titħassbu fuq l-ilbies? Ħarsu lejn il-ġilji tar-raba', kif jikbru; huma la jaħdmu, u la jagħżlu: U jien ngħid-ilkom: Li lanqas Salamun fil-glorja kollha tiegħu ma kien liebes bħal wieħed minn dawn. Iżda jekk Alla hekk ilibbes il-ħaxix tar-raba', li llum hu, u għada jix-teħet fil-forn, kemm aktar ilibbes lilkom, ja intom ta' fidi żgħira? Għalhekk la toqogħdux titħassbu, billi tgħidu: X'sa nieklu? Jew, X'sa nixorbu? Jew, X'sa nilbsu? (Għax dawn il-ħwejjeġ kollha jifittxu l-Ġenti-li:) għax Missierkom tas-smewwiet jaf li intom għand-kom bżonn dawn il-ħwejjeġ kollha. **Iżda fittxu l-ewwel is-saltna ta' Alla, u l-ħaqq tiegħu**; u dawn il-ħwejjeġ kollha jiżdidulkom. La taħsbux mela għal għada; għax għada jaħseb għalih innifsu. Biżżejjed għall-jum hu l-għali tiegħu" (Mattew 6:25-34).*

*"Issa ġara, huma u sejrin illi daħal f'raħal: u waħda mara jisimha Marta laqgħetu f'darha. U kellha oħta jisimha Marija, li qagħdet ukoll bil-qiegħda f'riġlejn Ġesù, u semgħet il-kelma tiegħu. Imma Marta kienet*

*imħabbta b'ħafna xogħol, u resqet lejh, u qalet: Mulej, mhux xejn dan għalik li oħti ħallietni naqdi waħdi? Għidilha mela biex tgħinni. U Ġesù wieġeb u qalilha: Marta, Marta, int imkidda u mħabbta għal ħafna ħwejjeġ. Imma ħaġa waħda hi meħtieġa: u Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex" (Luqa 10:38-41).*

*"U ħarsu ruħkom, li ma jmorrux qlubkom jitqalu bl-ikel iżżejjed, u s-sokor, u l-ħsibijiet ta' din il-ħajja, u hekk jiġi fuqkom dak il-jum għal għarrieda" (Luqa 21:34).*

*"Biex ikollna l-ħila ngħidu: Il-Mulej, l-għajnuna tiegħi, u ma nibżax x'jista' jagħmilli bniedem" (Lhud 13:6).*

*"U meta jġibukom quddiem is-sinagogi, u l-maġistrati, u l-ħakkiema, la tħabblux raskom kif u x'sejrin twieġbu, jew x'sa tgħidu: Għax l-Ispirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu…. U min minnkom billi jħabbel rasu jista' jżid ma' tulu kubitu wieħed? Jekk mela ma tistgħux tagħmlu l-iżgħar ħaġa, għax tħabblu raskom għall-ħwejjeġ oħra?" (Luqa 12: 11, 12, 25, 26).*

*"Imma jien irridkom tkunu bla ħsibijiet…" (1 Korintin 7:32a)*

*"Tħabbtu raskom b'xejn: iżda f'kull ħaġa, ħalli dak li jkun jaħtiġilkom, ikun imgħarraf 'l Alla bit-talb, u b'radd il-ħajr. U s-sliem ta'Alla, li jisboq kull dehen, iħarsilkom qalbkom u moħħkom fi Kristu Ġesù" (Filippin 4:6-7).*

*"Itfgħu fuqu l-hemm tagħkom kollu; għax hu jieħu ħsiebkom" (1 Pietru 5:7).*

**Għajnuna Skritturali Meta IKKRITIKAT/A**

*"La tagħmilx vendetti, u la tbejjitx f'qalbek lil ulied niesek, iżda ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Jiena l-Mulej" (Levitku 19:18).*

*"Bierku lil dawk li jippersegwitawkom: bierku, u la tisħtux…." (Rumani 12:14).*

*"La tgħidx: Ħa nrodd id-deni b'deni; itma fil-Mulej, u jeħilsek hu" (Proverbji 19:20).*

*"La tgħidx: nagħmillu bħal ma għamilli: inroddlu dakli ħaqqu"(Proverbji 24:29).*

*"La troddu lil ħadd deni għal deni. Agħmlu ħwejjeġ onesti quddiem il-bnedmin kollha" (Rumani 12:17).*

*"Maħbubin tiegħi, tagħmlux vendetta b'idejkom, imma agħmlu l-wisa' għall-għadab ta' Alla, għax hu miktub: Għalija l-vendetta, jien inħallas, igħid il-Mulej" (Rumani 12:19).*

*"Qisu li ħadd ma jrodd deni għal deni lil ħadd; imma dejjem fittxu dak li hu tajjeb, sew bejnietkom, u kemm ma' kulħadd" (1 Tessalonikin 5:15).*

*"Smajtu x'intqal, 'Għajn b'għajn u sinna b'sinna.' Imma jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiq-fulux; anzi jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll" (Mattew 5:38-39).*

*"La troddux deni għal deni, jew tagħjir għal tgħajir; imma, għal kuntrarju bierku; billi tafu li għalhekk intom kontu msejħin, biex tirtu l-barka" (1 Pietru 3:9).*

## Għajnuna Skritturali Meta IDDIŻAPPUNTAT/A

*"X'uħud jittamaw fl-imriekeb, u oħrajn fiż-żwiemel: iżda aħna nittamaw f'isem il-Mulej Alla tagħna" (Salm 20:7).*

*"Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi; xejn ma jonqosni. Hu jmiddni f'mergħat iħaddru: ħdejn ilmijiet ta'serħan imexxini. Hu jaħji lil ruħi: fil-mogħdijiet tas-sewwa jmexxini minħabba ismu. Iva, għalkemm nimxi fil-wied ta' dell il-mewt, ma nibża' minn ebda ħsara: għax int miegħi; ifarrġuni l-ħatar u l-għasluġ tiegħek. Mejda thejji għalija quddiem l-egħdewwa tiegħi: rasi tidlikli biż-żejt; ifurli l-kalċi tiegħi. Tassew, it-tjieba u l-ħniena jiġu warajja l-jiem kollha ta' ħajti; u jien ngħammar f'dar il-Mulej il-jiem kollha" (Salm 24)*

*"La tarmux mela l-fiduċja tagħkom, li għandha ħlas kbir" (Lhud 10:35).*

*"Bierek il-Mulej, O ruħ tiegħi, u la tinsiex il-benefiċċji kollha tiegħu" (Salm 103:2).*

*"Qisu li ħajjitkom tkun bla regħba; u kunu kuntenti b'dak li għandkom: għax hu qal: Ma nħallik qatt, u lanqas nitilqek" (Lhud 13:5).*

*"U aħna nafu li l-ħwejjeġ kollha jaħdmu flimkien għall-ġid ta' dawk li jħobbu 'l Alla, għal dawk li huma msejħin skond il-pjan tiegħu" (Rumani 8:28).*

*"Jien nifraħ bil-Mulej, nithenna b'Alla tas-salvazzjoni tiegħi. Il-Mulej Sidi, hu l-qawwa tiegħi" (Ħabaqquq 3:18, 19a).*

**Għajnuna Skritturali Meta SKORAĠĠUT/A - 359**

*"Żommu iebes, agħmlu l-kuraġġ, la tibżgħux, u la titwerwrux quddiemhom: għax il-Mulej, Alla tiegħek, hu dak li jimxi miegħek; ma ħallikx u lanqas jitilqek" (Dewteronomju 31:6).*

*"Ittama fil-Mulej: żomm sħiħ, u hu jqawwilek qalbek: Iva, ngħid jien, ittama fil-Mulej" (Salm 27:14).*

*"Tajjeb il-Mulej hu fortizza f'jum ta' diqa; hu jaf lil dawk li jieħdu kenn fih" (Naħum 1:7).*

*"Għaliex int mifnija, O ruħ tiegħi? Għaliex int hekk imħawda ġewwa fija? Ittama f'Alla: għax jien nibqa' nfaħħru, hu s-salvazzjoni tiegħi, u Alla tiegħi!"(Salm 42:11).*

*"Iżda malajr kellimhom Ġesù, billi qal: Qawwu qalbkom; jien hu; la tibżgħux" (Mattew 14:27).*

*"U l-lejl ta' wara, il-Mulej qagħad ħdejh, u qallu: Qawwi qalbek, Pawlu: għax bħal ma tajtni xhieda Ġerusalem, hekk għandek tixhed Ruma."*

*"U issa nħeġġiġkom biex tqawwu qalbkom: għax ma jkun hemm ebda telfa ta' xi bniedem fostkom, iżda tal-ġifen biss. Għax dal-lejl waqaf ħdejja l-anġlu ta' Alla, li jien tiegħu, u li lilu naqdi, billi qal: La tibżax, Pawlu; jaħtieġ li inti tidher quddiem Ċesri: u, ara, Alla tak lil dawk kollha li qegħdin isiefru miegħek. Għal-*

*hekk, irġiel, qawwu qalbkom:* ***għax jien nemmen f'Alla, li hekk ikun kif qalli*** *" (Atti 27:22).*

## Għajnuna Skritturali Meta FRUSTRAT/A

*"Ħafna huma l-ħsarat tar-raġel ġust, iżda l-Mulej jeħilsu minnhom kollha" (Salm 34:19).*

*"F'idejk nerħi l-ispirtu tiegħi: int ħlistni O Mulej Alla tas-sewwa"*

*"Erħi f'idejn il-Mulej it-triq tiegħek; afda wkoll fih, u jagħmel hu" (Salm 37:5).*

*"Aħjar tistkenn fil-Mulej mili tittama fil-bniedem" (Salm 118:8).*

*"Ittamaw fil-Mulej għal dejjem: għax fil-Mulej Alla, għandna blata ta' dejjem" (Isaija 26:4).*

*"U meta Ġesù għajjat b'leħen qawwi, qal: Missier, f'idejk nerħi l-ispirtu tiegħi: u malli qal hekk, radd ruħu" (Luqa 23:46).*

*"U huma ħaġġru 'l Stiefnu, li kien isejjaħ 'l Alla, u jgħid: Mulej Ġesħi" (Atti 7:59).*

*"Li minħabba f'hekk jien ukoll qiegħed inbati dawn il-ħwejjeġ; madankollu jien ma nistħix: għax naf f'min emmint, u nemmen li hu għandu s-setgħa li jħares dak li jien ħallejt f'idejh sa dak il-jum" (2 Timotju 1:12).*

*"Hu, li meta kien imgħajjar, ma raġax għajjar; li bata' u ma heddidx; imma reħa ruħu f'idejn dak li jagħmel ħaqq bis-sewwa" (1 Pietru 2:23).*

*"Hekk mela dawk li jsofru skond ir-rieda ta' Alla, ħa jerħu ruħhom f'idejn il-Ħallieq fidil, billi jagħmlu t-tajjeb. (1 Pietru 4:19).*

| **Għajnuna Skritturali Meta IFFASTIDJAT/A** |
| --- |

*"Ħa jitwarrab minnkom kull imrar, u saħna, u għadab, u agħjat, u kliem ħażin, ma' kull ħażen. U kunu qalbkom tajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, u aħfru 'l xulxin, bħal ma ħafrilkom Alla għal Kristu" (Efesin 4:34-32).*

*"Għalhekk jekk il-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk inhu bil-għatx, isqih; għax billi tagħmel dan, tkun qiegħed tiġbor ġamar jaħraq fuq rasu" (Rumani 12: 20).*

*"Qisu li ħadd ma jrodd deni b'deni lil ħadd; imma dejjem fittxu dak li hu tajjeb, sew bejnietkom, u kemm ma' kulħadd" (1 Tessalonikin 5:15).*

*"Biex aħna nfusna niftaħru bikom fil-knejjes t'Alla għas-sabar u l-fidi tagħkom qalb il-persekuzzjonijiet kollha tagħkom u n-niket li intom issofru. Li hu prova ċara tal-ħaqq ġust ta' Alla, biex tkunu miżmumin bħala li jistħoqqilkom is-saltna ta' Alla, li għaliha intom ukoll qegħdin issofru: Billi hi ħaġa ta' ħaqq quddiem Alla li jrodd it-taħbit lil dawk li jħabbtukom. U lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna, meta jidher Sidna Ġesù Kristu mis-sema ma' l-anġli setgħana tiegħu" (2 Tessalonikin 1:4-7).*

*"La troddux deni b'deni, jew tagħjir għal tagħjir; imma, għall-kuntrarju, bierku; billi tafu li għalhekk intom kontu msejħin, biex tirtu l-barka" (1 Pietru 3:9).*

**Għajnuna Skritturali Meta<br>IMNIKKET/TA**

*"Għax l-għadab tiegħu jdum għal ftit; iżda għal għomor l-imħabba tiegħu: il-biki jista' jdum lejl, iżda l-ferħ jiġi filgħodu" (Salm 30:5).*

*"Bosta huma l-ħsarat tar-raġel ġust, iżda l-Mulej jeħilsu minnhom kollha"(Salm 34:18).*

*"Kunu dejjem ferħanin" (1 Tessalonikin 5:16).*

*"U jimsaħ Alla kull demgħa minn għajnejhom; u m ajkunx hemm iżjed mewt, u la għali, u la biki, u lanqas uġigħ iżjed: għax il-ħwejjeġ ta' qabel ikunu għaddew"* (Rivelazzjoni 21:4)

*"Bħalma missier tiġih ħniena minn uliedu, hekk il-Mulej tiġih ħniena minn dawk li jibżgħu minnu" (Salm 103:13).*

*"Qrib dawk ta' qalbhom maqsuma hu l-Mulej; u jgħin lil dawk ta' spirtu niedem għalkollox. Bosta huma l-ħsarat tar-raġel ġust, iżda l-Mulej jeħilsu minnhom kollha" (Salm 34: 18-19).*

*"Biex aħna nfusna niftaħru bikom fil-knejjes t'Alla għas-sabar u l-fidi tagħkom qalb il-persekuzzjonijiet kollha tagħkom u n-niket li intom issofru. Li hu prova ċara tal-ħaqq ġust ta' Alla, biex tkunu miżmumin*

*bħala li jisthoqqilkom is-saltna ta' Alla, li għaliha intom ukoll qegħdin issofru: Billi hi ħaġa ta' ħaqq quddiem Alla li jrodd it-taħbit lil dawk li jħabbtukom" (2 Tessalonikin 1:4-6).*

**Għajnuna Skritturali Meta ITTANTAT/A**

*"Ebda tiġrib ma ġie fuqkom ħlief dak li jiġi fuq kull bniedem; iżda Alla fidil, u ma jħallix li intom tiġġarbu aktar milli tifilħu; u mat-tiġrib jifthilkom ukoll triq biex teħilsu, biex tkunu tifilħu għalih" (1 Korintin 10: 13).*

*"Għax billi Hu nnifsu bata billi kien imġarrab,jista' jgħin lil dawk li huma ġarrbin" (Lhud 2:18).*

*"L-anġlu tal-Mulej igħasses madwar dak li jibżgħu minnu, u jeħlishom"(Salm 34:7).*

*"Hu jgħattik b'rixu, u taħt ġwinħajh issib kenn; issewwa tiegħu tkun it-tarka u l-korazza tiegħek" (Salm 91:4).*

*"Bħalma l-għoljiet huma madwar Ġerusalem, hekk il-Mulej hu madwar il-poplu tiegħu minn issa għal dejjem" (Salm 125:2).*

*"U jien, igħid il-Mulej, inkun għaliha sur tan-nar madwarha, u nkun il-glorja tagħha f'nofsha" (Żakkarija 2:5).*

*"U tkunu mibgħudin minn kulħadd minħabba f'ismi. Imma xagħra waħda minn raskom ma tintilifx. Bis-sabar tagħkom tirbħu ruħkom" (Luqa 21:18).*

*"Għaliex għajnejn il-Mulej jiġru ma' l-art kollha, biex iwettaq bis-sħiħ lil dawk li qalbhom sħiħa miegħu…" (2 Kronaki 16:9).*

**Għajnuna Skritturali Meta IMDEJJAQ/QA**

*"Abraham bakkar filgħodu, u ħa l-ħobż, u ġarra ilma, u tahom lil Ħagar, qegħidhomlha fuq spallejha, u t-tifel, u bagħatha: u telqet, tiġġerra fid-deżert ta' Bir-Saba'. U ntemm l-ilma mill-ġarra, u telqet it-tifel taħt waħda mis-siġar. U hi marret, u qagħdet bil-qiegħda biswitu, bogħod daqs tafa' ta' qaws; għax qalet: Ħalli ma narax il-mewt tat-tifel. U qagħdet biswitu, u għolliet leħinha, u bkiet. U Alla sama' leħen it-tifel: u l-anġlu tal-Mulej sejjaħ lil Ħagar mis-sema, u qalilha: X'għandek Ħagar? La tibżax; għax Alla sama' leħen it-tifel fejn hu. Qum, arfa' t-tifel, u żommu f'idek: għax jien nagħmlu ġens kbir U Alla fetħilha għajnejha, u rat bir ilma; u marret, u mliet il-ġarra bl-ilma, u tat-lit-tifel jixrob" (Ġenesi 21:14-19).*

*"Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; nifirħu u nithennew fih" (Salm 118:24).*

*"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom" (Mattew 11:28).*

*"Ifirħu dejjem fil-Mulej: u narġa' ngħid: Ifirħu" (Filippin 4:4).*

*“Ifirħu, u thennew wisq; għax ħlaskom kbir fis-sme-wwiet: għax hekk kienu ppersegwitati l-profeti li kienu qabilkom” (Mattew 5:12).*

*“Għax il-Ħaruf li hu f’nofs it-tron jirgħahom, u jmexxihom lejn egħjun ħajjin ta’ ilmijiet: u Alla jim-saħ id-dmugħ kollu minn għajnejhom” (Rivelazzjoni 7: 17. Ara wkoll Isaija 35:10).*

**Għajnuna Skritturali Meta**
**INT TRID LI TKUN SALV/A**

*“F’ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi” (Atti 4:12).*

*“Imma mingħajr fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lilu; għax min jiġi għand Alla jaħtieġ li jem-men li Alla hu, u li jħallas lil dawk li jfittxuh sewwa” (Lhud 11:6).*

*“U ż-żminijiet ta’ din l-injoranza Alla għalaq għaj-nejh għalihom; iżda issa jordna lill-bnedmin kollha kullimkien biex jindmu” (Atti 17:30).*

*“Għax jekk int tistqarr b’fommok ’il sidna Ġesù, u temmen f’qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, int issal-va. Għax bil-qalb il-bniedem jemmen fil-ħaqq; u bil-fomm wieħed jistqarr għas-salvazzjoni” (Rumani 10: 9-10).*

*“Min jemmen u jitgħammed isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat” (Mark 16:16).*

*“Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta’ Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u intom tirċievu d-don ta’ l-Ispirtu s-Santu” (Atti 2:38).*

*"U issa x'inti qiegħed tistenna? Qum, u tgħammed, u aħsel dnubietek, billi sejjaħ isem il-Mulej" (Atti 22:16).*


Għal aktar informazzjoni ikteb lil:

KNISJA TA' KRISTU
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta

Jew:
e-mail: info@churchofchristmalta.com


Ħinijiet tal-laqgħat:
Servizz ta' qima: Il-Ħadd: 10.30 a.m.
Studji mill-Bibbja: l-Erbgħa: 7.00 p.m.